**166. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin l-Onor Guido de Marco jipproponi:-**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordni Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura fuq l-Abbozz ta' Liġi dwara Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Illi l-kumplament tad-diskussjoni fuq it-Tieni Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi jekk ma tkunx intemmet qabel, ma għandhiex tieħu aktar minn seduta waħda, b'dana li l-aħħar sagħtejn ikunu disponibbli għall-Gvern;

Illi għal dawk li jirrigwarda l-istadju tal-Kumitat u t-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, jekk dan ma jintemmx qabel, is-segwenti għandu jirregola l-ħin u l-proċeduri tas-seduti;

Illi l-Erbgħa, 27 ta' Lulju 1994, is-Seduta tal-Kamra tibda fid-9.00 a.m. u tiġi sospiża fis-1.00 p.m.u tkompli fil-5.00 p.m. u tintemm fil-10.00 p.m. mingħajr ma jittieħed l-aġġornament;

L-istess japplika għas-Seduta tal-Ħamis, 28 ta' Lulju 1994 u ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju 1994;

Illi s-Seduta ta' nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju 1994 tkun l-aħħar seduta mħollija għad-diskussjoni fil-Kumitat jekk ma tkunx intemmet qabel, fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, iċ-Chairman minnufih iqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawżola, emenda jew skeda, li dak il-ħin, tkun qed tiġi diskussa; u jkompli jqiegħed il-mistoqsija fuq l-emendi li jibqa', u fuq il-klawżoli u l-iskedi l-oħra kollha, waħda wara l-oħra, mingħajr emendi jew diskussjoni; iżda Ministru jista' jressaq emendi, klawżoli u skedi ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawżoli, klawżoli ġodda mingħajr avviż titqiegħed mingħajr diskussjoni;

Illi wara li jkun ġie rrapportat il-Kumiat, jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, il-Kamra tgħaddi minnufih għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi; u

Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu għat-tenur ta' l-Ordni Permanenti Nru 83 għandhom jitħallew għall-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta li tkun billi l-ewwel votazzjoni tittieħed għaxar minuti wara li tintalab u l-istess proċedura tiġi segwita f'każ ta' votazzjonijiet oħra, b'dan illi dawn il-votazzjonijiet jittieħdu immedjatament wara l-ewwel votazzjoni.

22.07.1994